



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-17 ta' Mejju 2022

L-appoġġ mill-UE bħala għajnuna għall-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji żgħar jeħtieġ ġestjoni u viżibbiltà aħjar

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kummissjoni Ewropea identifikat l-ostakli prinċipali għall-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) tal-UE u stabbiliet ħafna miżuri biex tgħin hom jespandu n-negozju tagħhom fis-swieq internazzjonali, kemm fi ħdan u lil hinn mill-UE. Madankollu, dawn il-miżuri kultant ikollhom nuqqas ta' koerenza u viżibbiltà, u l-Kummissjoni mhux dejjem tikkoordinahom tajjeb biżżejjed mal-programmi tal-Istati Membri stess. L-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni, jiġifieri n-Network Enterprise Europe (EEN), li tipprovdi network ta' appoġġ għal SMEs b'ambizzjonijiet internazzjonali, teħtieġ kopertura aħjar fil-pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li inizjattiva oħra iżgħar li tiffoka speċifikament fuq negozji ġodda ta' teknoloġija avvanzata – StartUp Europe – teħtieġ aktar kontinwità fuq terminu twil fl-attivitajiet tagħha.

L-SMEs – negozji li jimpjegaw inqas minn 250 ħaddiem – huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE: jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-UE. Barra mis-settur finanzjarju, huma jipprovdu żewġ terzi tal-impjiegi fin-negozju, u jiġġeneraw aktar minn nofs il-produzzjoni ekonomika tal-UE. Madankollu, jirrappreżentaw biss 30 % tal-esportazzjonijiet tal-UE. L-SMEs huma inqas attivi fi swieq internazzjonali minn negozji akbar: ta' spiss ma jkunux konxji tal-kummerċ Internazzjonali u tal-iskemi ta' appoġġ pubbliku, u ta' spiss sempliċement ikun jonqoshom l-għarfien espert meħtieġ. Sabiex tindirizza dawn l-isfidi, il-Kummissjoni stabbiliet għadd kbir ta' programmi ta' appoġġ. Fl-2011, adottat strateġija tal-UE għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs li kellha l-għan li ttejjeb il-koerenza u l-koordinazzjoni tal-appoġġ eżistenti kollu.

"In-negozji ż-żgħar huma negozju kbir għall-UE. Billi jagħmlu kummerċ fl-Ewropa u jesportaw lil hinn mill-fruntieri tagħha, jistgħu jagħtu kontribuzzjoni saħansitra akbar lill-ekonomija tal-UE," qalet Ivana Maletić, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport. *"Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel l-informazzjoni dwar l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs aktar faċilment disponibbli u tqarreb il-programmi tagħha mal-SMEs Ewropej, li għadhom mhux konxji ta' ħafna mill-istrumenti u proġetti eżistenti."*

L-awdituri sabu li l-implimentazzjoni tal-istrateġija għadha mhux kompleta. Għalkemm il-Kummissjoni nrexxielha twettaq, tal-inqas parzjalment, miżuri ewlenin, bħall-iżvilupp ta' portal

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

tal-informazzjoni online għall-kumpaniji tal-esportazzjoni (Access2Markets), attivitajiet importanti biex il-miżuri jkunu aktar koerenti fuq livell tal-Istati Membri u tal-UE ma rnexxewx. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma pprovdietx inventarju aġġornat ta' miżuri biex tidentifika lakuni, trikkib u sinerġiji. L-awdituri kkritikaw ukoll il-koerenza tal-ħafna attivitajiet tal-UE li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, fejn sostnew li l-koordinazzjoni hija nieqsa fuq diversi livelli, inkluż f'attivitajiet bejn l-UE u l-Istati Membri. Huma josservaw ukoll li s-sostenibbiltà finanzjarja tal-programmi ta' appoġġ ma kinitx tiġi dejjem indirizzata tajjeb mill-Kummissjoni, u bosta programmi twaqqfu minkejja li taw riżultat pożittivi. F'termini ta' sensibilizzazzjoni, l-informazzjoni fuq l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni issa hija aktar aċċessibbli, iżda l-benefiċċji tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) – li huma kruċjali, iżda kumplessi għall-SMEs – għadhom ma jiġux suffiċjentement promossi.

L-awdituri sabu li l-EEN kienet laħqet il-miri tagħha, iżda li kienet teħtieġ aktar sforzi biex ittejjeb il-viżibbiltà tagħha, il-koordinazzjoni tagħha, il-kopertura tagħha f'pajjiżi mhux tal-UE, u bini tal-kapaċitajiet tagħha biex tappoġġa aħjar lill-SMEs biex jaċċessaw il-finanzjament u jisfruttaw il-benefiċċji tal-FTAs. Il-prestazzjoni tal-EEN kienet tvarja bejn pajjiżi u konsorzji, u filwaqt li x-xogħol ta' xi ċentri ta' kooperazzjoni kummerċjali barra mit-territorju tal-UE kien apprezzat ħafna (eż. iċ-Ċentru UE-Ġappun), oħra ġew ikkritikati għas-servizz u r-rispons dgħajfa tagħhom. Il-membri tal-EEN irrappurtaw ukoll li l-preżenza taċ-ċentri ma kinitx adegwata f'pajjiżi li huma sħab kummerċjali ewlenin, inkluża ċ-Ċina. Fir-rigward tal-inizjattiva Startup Europe, l-awdituri sabu li hija indirizzata il-ħtiġijiet ta' negozji ġodda fuq terminu qasir biss, billi l-proġetti ffinanzjati kollha waqfu fi tmiem l-għotja u l-attivitajiet kollha kienu miżgħuda bi problemi ġenerali ta' sostenibbiltà. Il-kooperazzjoni ma' strumenti oħra kienet limitata u l-inizjattiva kultant wasslet għall-akkwiżizzjoni ta' negozji ġodda minn negozji kbar barra mit-territorju tal-UE, li jista' ma jkunx kompatibbli mal-għan li l-kumpaniji jiġu megħjuna jikbru internazzjonalment filwaqt li jibqgħu fl-UE. L-awdituri jappellaw ukoll lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-monitoraġġ tar-riżultati biex tivvaluta l-punt sa fejn l-inizjattiva fl-intier tagħha kkontribwiet għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs.

Informazzjoni ġenerali

Hemm aktar minn 20 miljun SME fl-Istati Membri tal-UE, li jimpjegaw madwar 100 miljun persuna. L-SMEs huma intrapriżi b'inqas minn 250 impjegat u b'fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 50 miljun jew inkella b'karta tal-bilanċ annwali ta' mhux aktar minn EUR 43 miljun. L-internazzjonalizzazzjoni hija proċess li bih il-kumpaniji jsiru involuti fis-swieq internazzjonali, primarjament permezz tal-esportazzjonijiet. Il-finanzjament mill-UE li jimmira speċifikament l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs kien jammonta għal madwar EUR 850 miljun fil-perjodu 2014-2020, inklużi madwar EUR 450 miljun għall-EEN u EUR 30 miljun għal Startup Europe; huwa kkomplementat minn miżuri tal-UE li jkopru l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs bħala wieħed minn fost ħafna oqsma (eż. il-Fondi SIE, il-FEIS u Orizzont 2020). L-EEN u Startup Europe huma l-ewwel punti ta' kuntatt għall-SMEs Ewropej u n-negozji l-ġodda li jfittxu appoġġi ta' konsulenza u networking għall-esportazzjoni. Fi tmiem l-2020, l-EEN kellha 'l fuq minn 625 organizzazzjoni sieħba, bħal aġenziji għall-iżvilupp rurali, kmamar tal-kummerċ, jew istituti ta' riċerka f'65 pajjiż, miġbura flimkien f'konsorzji reġjonali. Bejn l-2014 u l-2020, Startup Europe ipromwoviet 22 proġett, li laħqu aktar minn 1 000 negozju. Ir-Rapport Speċjali 07/2022, "Strumenti ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs: għadd kbir ta' azzjonijiet ta' appoġġ, iżda li mhumiex kompletament koerenti jew ikkoordinati", huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#) u huwa l-aktar reċenti f'sensiela ta' pubblikazzjonijiet tal-QEA li jeżaminaw l-appoġġ għall-SMEs: oħrajn f'din is-sensiela jinkludu rapporti speċjali dwar l-[Unjoni tas-Swieq Kapitali](#), [l-Istrument għall-SMEs](#),

[il-kapital tar-riskju](#) u l-faċilità ta' [garanzija għall-SMEs](#). Fi żmien qasir il-QEA se tippublika rapport speċjali dwar l-appoġġ mill-UE għall-[kompetittività tal-SMEs](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502